# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**Rik. Nru. 1068/22JRM**

Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1068/22 fl-ismijiet:

Neilsen **PULIS** u Isabel Muscat

vs

Rudolph **MALLIA** bin Nicholas Mallia u Josephine xebba Pulis, u Nicolai Mallia bin Nicholas Mallia u Josephine xebba Pulis

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-5 ta' Awwissu, 2022, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni biex iżżomm lill-intimati milli "tbiegħ, tittrasferixxi jew b'xi mod ieħor tiddisponi jew timponi xi piż jew b'xi mod tgħaddi t-tgawdija temporanja jew xort'oħra tinnegozja t-tliet (3) *garages* kontigwi, m'hux uffiċjalment magħruga [*recte:* magħrufa] bħala *garages* numru tlieta (3), erbgħa (4) u ħamsa fi Triq Santa Margerita[1], Ħaż-Żabbar, konfinanti flimkien peress li kontigwi minn nofsinhar mal-istess Triq, mill-punent u lvant ma' beni ta' Emanuel Grixti jew l-

[1] B'digriet mogħti waqt is-smigħ tat-30 ta' Awwissu, 2022, l-isem inbidel għal "Duminka"

aventi kawża tiegħu, sottoposti għal beni ta' terzi.. ..'' u dan għaliex l-imsemmi ġid kien jagħmel mill-wirt ta' missierhom Paul Pulis li miet fit-2 ta' Mejju, 2022, u li b'testment li huwa għamel fl-1 ta' Mejju, 2022, huwa ħalla lill-intimati (ulied oħtu) werrieta tiegħu, filwaqt li lir-rikorrenti wliedu qatagħhom 'il barra mill-wirt. Ir-rikorrenti fetħu kawża għat-tħassir ta' dak it-testment[2] u l-Mandat qiegħed jintalab b'kawtela għal dawk il-pretensjonijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Awwissu, 2022[3], li bih laqgħet it-talba provviżorjament, ordnat in-notifika lill-intimati bi żmien għaxart (10) ijiem għat-tweġiba u qiegħdet ir-rikors għas-smigħ tat-30 ta' Awwissu, 2022;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-22 ta' Awwissu, 2022, li biha laqgħu għat-talba billi qalu li hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u maħsuba biss biex iddejjaqhom, għaliex ma jeżistux l-elementi mitluba mil-liġi biex it-talba tagħhom jistħoqqilha tintlaqa' għaliex qiegħda tintuża bħala arma ta' tehdid jew ġegħil. Ġibdu l-attenzjoni tal-Qorti wkoll li l-mejjet ma kellu l-ebda ġid fit-triq oriġinarjament imsemmija mir-rikorrenti u għalhekk, fuq din il-ħaġa biss, il-Qorti jmissha tieqaf milli tqis aktar it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Fissru li jonqos l-element tal-jedd '*prima facie*' għaliex ir-rikorrenti ma wrew bl-ebda mod li missierhom ma kellux il-kapaċità tal-moħħ li seta' jagħmel it-testment attakkat. Jgħidu wkoll li jonqos l-element tal-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat u dan għaliex, fil-każ ta' tnejn mill-fondi li dwarhom qiegħed jintalab il-ħruġ tal-Mandat, missier ir-rikorrenti kien daħal f'atti ta' konvenju għall-bejgħ tagħhom, u għalhekk, ma hemm l-ebda biżgħa li huma (l-intimati) jagħmlu xi ħaġa li biha jittrasferixxu l-istess ġid lil hinn minn dak li kien intrabat bih l-awtur tagħhom. Minbarra dan, ir-rikorrenti lanqas ma jistgħu jġarrbu xi preġudizzju jekk kemm-il darba l-Mandat ma jinħariġx, għaliex il-pretensjonijiet tagħhom jistgħu dejjem jissoddisfawhom b'modi oħrajn u għalhekk, jonqos ukoll l-element tal-irriversibilità ta' xi preġudizzju mġarrab;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tat-30 ta' Awwissu, 2022, waqt liema smigħ ordnat li ssir il-bidla tat-tismija tat-triq fejn jinsab il-ġid mertu tat-talba u tat direttivi lir-rikorrenti biex jirregolaw irwieħhom ukoll dwar it-tressiq tan-Nota relattiva;

Rat l-atti kollha tar-Rikors, magħduda n-Nota mressqa mir-rikorrenti waqt is-smigħ tat-30 ta' Awwissu, 2022, bid-dokumenti mehmużin magħha, u kif ukoll in-Nota mressqa wkoll dakinhar għall-finijiet ta' dak li titlob il-liġi fl-artikolu 874(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

[2] Rik. Nru. 715/22AF imressaq dakinhar li tressqet it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat u mqiegħed għas-smigħ għall-11.1.2023
[3] Paġ. 9 tal-atti

Rat id-degriet tagħha tal-istess data li bih ħalliet ir-Rikors għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Illi tqis li t-talba għall-ħruġ tal-Mandat hija maħsuba biex twaqqaf lill-intimati milli jiddisponu minn ġid immobbli li kien jagħmel mill-wirt ta' Paul Pulis fil-waqt ta' mewtu li ġrat fit-2 ta' Mejju, 2022. Paul Pulis jiġi missier ir-rikorrenti u ziju tal-intimati (ħu ommhom);

Tqis li b'testment magħmul fl-1 ta' Mejju, 2022[4], f'waħda mis-swali tal-Isptar *Mater Dei,* l-imsemmi Paul Pulis ħassar kull testment li seta' għamel qabel dakinhar, ħatar liż-żewġ intimati bħala werrieta tiegħu, u żied jiddikjara li ż-żewġ uliedu (r-rikorrenti) kienu abbandunawh u ma kellhom l-ebda relazzjoni miegħu u għalhekk iddikjara "li ma għandhomx jirtu xejn minn ġidu sakemm possibli skond il-liġi";

Tqis li fl-20 ta' Diċembru tal-2021[5], Paul Pulis resaq fuq att ta' konvenju biex iwiegħed li jbigħ u jittrasferixxi r-remissa bin-numru tliet mija u tnejn u disgħin (392) magħrufa wkoll bħala numru tlieta (3) fi Triq Santa Duminka, Ħaż-Żabbar, lil Joseph u Rita miżżewġin Pulis, u dan bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Il-partijiet ġeddew l-imsemmi konvenju fl-14 ta' April, 2022[6], sal-31 ta' Awwissu, 2022, sa liema żmien kellha ssir il-bidla fil-kuntratt tal-firda personali tal-bejjiegħ[7];

Tqis li, b'att ta' konvenju ieħor tat-3 ta' Marzu, 2022[8], Paul Pulis wiegħed li jbigħ u jittrasferixxi lil Martin u Claire miżżewġin Abela garaxx bla numru u bla isem fi Triq Santa Duminka, Ħaż-Żabbar (kif muri fuq pjanta meħmuża ma' dik il-kitba) bil-patti u l-kundizzjonijiet hemm maqbula. Dak il-konvenju kellu jagħlaq fit-30 ta' Settembru, 2022;

Tqis li din il-proċedura tal-lum tressqet skond l-artikolu 873 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għalkemm ir-rikorrenti jirreferu għaż-żamma ta' ġid immobbli partikolari u ħarsu wkoll dak li jitlob l-artikolu 874 tal-istess Kodiċi dwar talbiet maħruġin taħt dak l-artikolu speċifiku. Għalhekk, it-talba tallum għall-ħruġ tal-Mandat trid titqies fil-qafas tal-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali";

---

4 Dok "A", f'paġġ. 31 – 3 tal-atti
5 Dok "Ċ", f'paġġ. 22 – 4 tal-atti
6 Dok "Ċ", f'paġ. 25 tal-atti
7 Ara Dok "B" (Riċerki) f'paġġ. 43 -
8 Dok "B", f'paġġ. 18 sa 21 tal-atti

Tqis għalhekk, li ladarba r-rikorrenti għażlu li jressqu t-talba tagħhom taħt is-sura tal-Mandat ta' Inibizzjoni "ġenerali", huma jridu jwettqu l-ġustifikazzjoni tat-talba tagħhom skond l-għażla tagħhom u ma jistriħux biss fuq il-fatt limitativ tal-eżistenza tal-pretensjonijiet tagħhom fil-pretensjonijiet li huma għandhom kontra l-intimati, kif huwa biżżejjed li jsir f'każ ta' Mandat ta' Inibizzjoni taħt l-artikolu 874 tal-istess Kodiċi;

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[9];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[10]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd. Huwa għalhekk li llum il-liġi nbidlet u stabiliet żminijiet qosra u preċiżi li fihom it-talba għall-ħruġ ta' dan il-Mandat għandha jew tintlaqa' jew tiġi miċħuda[11];

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali[12]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-

[9] Art. 873(1) tal-Kap 12
[10] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)
[11] Art. 875(3) tal-Kap 12
[12] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis li l-għan waħdieni tar-rikorrenti fit-talba magħmula minnhom f'din il-proċedura hu dak li jikkonservaw ġid biżżejjed tal-intimati biex, fl-eventwalità li l-kawża li fetħu kontrihom tinqata' favurihom, ikollhom fuq xiex jeżegwuha. Ir-rikorrenti jgħidu li l-fondi msemmija fil-Mandat huma l-ġid waħdieni li missierhom kellu fil-waqt ta' mewtu u, jekk kemm-il darba jwaqqgħu it-testment tiegħu, dak il-ġid ikun tagħhom bil-jedd tas-suċċessjoni intestata;

Tqis li l-azzjoni mressqa mir-rikorrenti, kif jisħqu fir-rikors tallum, hija dik li jwaqqgħu t-testment magħmul minn missierhom fuq is-saħħa tan-nuqqas ta' kapaċità tat-testatur li jagħmel dak it-testment. M'hijiex kawża li tikkontesta r-raġuni tad-diżeredazzjoni li tissemma fl-istess testment;

Tqis li, għal dak li jirrigwarda l-element tal-jedd mad-daqqa t'għajn, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha sejra tinstema' l-kawża fil-mertu. Minn dak li jidher mad-daqqa t'għajn, it-testatur kien f'sensih u jaf x'irid jagħmel dak il-ħin li sar it-testment attakkat[13]. Ir-raġunijiet imressqin mir-rikorrenti – li t-testment sar f'jum ta' btala pubblika (l-1 ta' Mejju), li kien ilu snin ibati minn mard tal-moħħ u li t-testment sar meta t-testatur "kien f'qagħda kritika għall-aħħar" – la huma raġunijiet li jnisslu l-jedd *prima facie* tan-nuqqas ta' siwi tat-testment u lanqas huma mwieżna minn provi jew mill-atti oħrajn li l-istess missierhom għamel matul l-aħħar xhur ta' ħajtu (fosthom il-kuntratt ta' firda personali u l-att korrettorju li sar dwar dak il-kuntratt);

Tqis li, kif ingħad bosta drabi f'ċirkostanzi ta' proċeduri bħal dawn, il-jedd *prima facie* irid ikun jidher mad-daqqa t'għajn u mhux b'riżultat ta' stħarriġ jew suppożizzjonijiet. Jekk jedd ma jkunx jidher mad-daqqa t'għajn, jonqos wieħed mill-elementi meħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis ukoll li, għal dak li jirrigwarda l-element tal-"ħtieġa" tal-ħruġ tal-Mandat, dan jintrabat sewwa mal-fatt jekk il-ħsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun waħda li ma tistax tissewwa mod ieħor. Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu[14], jiġi nieqes it-tieni element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat[15];

Tqis li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ illi l-Qorti għandha quddiemha llum, ir-rikorrenti ma seħħilhomx juru lanqas li tassew hemm il-ħtieġa għall-ħruġ tal-

---

[13] Ara Dok f'paġ. 27 tal-atti

[14] P.A. AM **2.1.1993** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe***

[15] Ara. P.A. JZM **16.6.2015** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***Anthony Vassallo vs Manuel Baldacchino***

Mandat minnhom mitlub. Dan jingħad għaliex ma wrewx bl-ebda mod li huma jġarrbu ħsara li ma tistax titreġġa' lura jekk kemm-il darba t-talba tagħhom ma tintlaqax. Minbarra dan, fil-każ ta' dak il-ġid li llum huwa mwiegħed fiż-żewġ atti ta' konvenju, din il-ħtieġa tal-ħruġ tal-Mandat tonqos ukoll għaliex l-intimati huma diġà kundizzjonati bir-rabtiet li t-testatur għamel dwarhom matul ħajtu;

Tqis għalhekk li r-rikorrenti ma seħħilhomx juru li jirriżultaw l-elementi maħsuba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub għaliex ma wrewx li jeżistu l-elementi mitluba mil-liġi għall-ħruġ tiegħu;

**Tħassar '*contrario imperio*'** d-degriet tagħha tal-5 ta' Awwissu, 2022, safejn kienet laqgħet it-talba b'mod provviżorju; u

**Tordna** li r-rikorrenti jħallsu **l-ispejjeż** ta' din il-proċedura.

Mogħti kameralment illum, l-Erbgħa, 31 ta' Awwissu, 2022.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**